MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 6/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**LESLIE FARRUGIA ta’ 20 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Grace Farrugia, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-09.04.1992, residenti Block 2, Flat 1, Triq tal-Gebel, Birzebbuga, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 202492M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Leslie Farrugia** li gie akkuzat talli nhar it-2 ta’ Jannar, 2011, ghall-habta tas-1930hrs gewwa Triq l-Assedju l-Kbira, Floriana:

1. Ikkommetta serq ta’ oggetti ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ €232.94, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Mario Mizzi detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 165165M bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBJ528 u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli, bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 41(a), 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47, ghad-detriment ta’ Mario Mizzi detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 165165M bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBJ528 u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli matul il-jum tat-2 ta’ Jannar, 2011, f’dawn il-Gzejjer, bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF307, saq l-istess vettura minghajr ma kellu l-kunsens tas-sid taghha, u cioe’ Mario Bonello detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 0675855M jew awtorita’ legittima ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF307 fi triq pubblika minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan valida, u dan bi ksur tar-Regolamenti 3 ta’ Legizlazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat, fl-istadju ta’ l-interrogatorju, wiegeb illi kien hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll illi gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

Rat illi nonostante li giet mahtura Ufficjal tal-Probation biex l-imputat johrog mill-problema tad-droga, dan sewa ta’ xejn hlief ghal hela ta’ hin u flus, stante li l-imputat certament mhux motivat ghal dan. Bizzejjed wiehed ihares lejn ir-rapport ezebit mill-Ufficjal tal-Probation datat 10 ta’ Ottubru, 2011.

Rat ukoll illi l-imputat kellu fedina penali netta.

Regghet semghet minhabba f’hekk ghall-ahhar darba lill-Ufficjal tal-Probation, illi xehdet li issa l-imputat donnu fehem illi kellu bzonn l-ghajnuna.

Illi rat ukoll id-diversi rapporti ta’ l-Ufficjal tal-Probation prezentati.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi migjuba (u ammessi), u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 270, 271, 278, u 325 (tielet akkuza), kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Reg 3 LS 65.18.

Tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Qieghda wkoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghdu taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal perjodu ta’ sena u nofs, taht is-supervizjoni ta’ l-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud, b’dan illi Leslie Farrugia ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-istess ufficjal tal-Probation biex jibda jkompli u jsegwi programm intiz kontra l-abbuz tad-droga, b’success.

Tordna l-Qorti li tigi nfurmata b'nota, immedjatament, jekk Leslie Farrugia jfalli minn dan jew ma jobdix xi direttiva lilu moghtija.

Tfiehem ukoll lill-imputat bl-obbligazzjonijiet tieghu taht din l-Ordni u l-konsegwenzi ta' ksur ta' tali Ordni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------